# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' Frar, 2001**

**Numru 103**

**Citaz. Nru. 51/96GV**

**Doc. Nru. 23-01**

**P.L. Vera Lungaro Mifsud bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Salumificio Fratelli Beretta S.p.A.**

**vs**

**R.A.B. Limited**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha is-socjeta' attrici ippremettiet illi bieghet u ikkonsenjat merkanzija lis-socjeta' konvenuta li tammonta ghal sebgha u tletin miljun, disa' mija u disat elef u mitejn u sbatax-il Lira Taljana (LIT 37,909,217);

Premess illi s-socjeta' konvenuta giet inutilment interpellata thallas diversi drabi izda baqghet inadempjenti;

Premess illi l-kreditu huwa cert, likwidu u skadut u l-attrici ikkonfermat il-kreditu b'Affidavit a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili u li fil-fehma taghha s-socjeta' konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

Is-socjeta’ attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici bid-dispensa tas-smiegh u bl-abbrevjazzjoni tat-termini a tenur ta’ l-artikoli 167-170 tal-Kodici ta’ Procedura Civili;

2. tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta’ konvenuta ghandha thallas is-somma l-ekwivalenti f’Liri Maltin skond ir-rata ta’ kambju kurrenti ta’ sebgha u tletin miljun, disa’ mija u disat elef u mitejn u sbatax-il Lira Taljana (LIT 37,909,217) lis-socjeta’ attrici bhala prezz ta’ merkanzija lilha ikkonsenjata;

3. tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma l-ekwivalenti f’Liri Maltin skond ir-rata ta’ kambju kurrenti ta’ sebgha u tletin miljun, disa’ mija u disat elef u mitejn u sbatax-il Lira Taljana (LIT 37,909,217).

Bl-ispejjez kontra is-socjeta’ konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol 2A;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta a fol 13 fejn eccepew:

1. Illi s-socjeta’ konvenuta m’ghandiex taghti lis-socjeta’ attrici s-somma mitluba fl-att tac-citazzjoni hawn fuq imsemmi, stante illi pagament fl-ammont ta’ ghaxar miljuni, disa’ mija, sitta u disghin elf, mija u seba’ Liri Taljani (LIT10,996,107) sar mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici, u dan kif jirrizulta f’anness dokument datat l-ewwel (1) ta’ Frar, 1995 li kopja tieghu giet annessa u mmarkata bhala Dokument “A”;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi f'dina l-kawza, wara li saru l-eccezzjonijiet, il-konvenuti bdew ihallsu mill-ammont dovut, u intalbu diversi differimenti ghax kien qed isiru pagamenti. Fid-disgha w ghoxrin (29) ta' Ottubru, 1999 Dr.Galea informa l-Qorti li t-transazzjoni ma sehhitx, imbaghad fl-ghaxra (10) ta' Jannar l-attrici ddikjarat li l-ammont li ghadu dovut huwa ta' sitta u ghoxrin miljun, disa' mija u tlettax-il elf, tlett mija u tnejn u tmenin Liri Taljani (LIT 26.913.382) (fol 34, 43 u 49).

Il-konvenut qed jissottometti li l-ammont dovut minnu huwa ta' tmien mija u ghoxrin liri Maltin u tnejn u disghin centezmi (Lm820.92) Dok RAB1 a fol 38. Il-konvenut pero' ma ressaq ebda prova li l-pagamenti li allegatament ghamel lill-atturi effettivament gew ricevuti minnhom jew tramite liema bank hallashom. (Ara dok fol 44 u 54,55-69).

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-ammont ta' sitta u ghoxrin miljun, disa' mija u tlettax-il elf, tlett mija u tnejn u tmenin Liri Taljani (LIT 26.913.382) ghadu dovut.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici ghas-somma ta' sitta u ghoxrin miljun, disa' mija u tlettax-il elf u tlett mija u tnejn u tmenin lira taljani (LT 26.913.382) ekwivalenti ghal sitt elef u tmien liri Maltin u disgha u sebghin centezmu, (Lm6,008.79c), [skond ir-rata tal-kambju fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni] u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dina s-somma.
Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**